# Linji Gwida

**dwar l-informazzjoni perjodika u n-notifika ta' bidliet materjali li għandhom jiġu sottomessi lill-ESMA mir-Repożitorji tat-Tranżazzjonijiet**

28/09/2021| ESMA74-362-249 MT

# Werrej

1. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet ....... 5
2. Sommarju Eżekuttiv ....... 9
3. Kamp ta' applikazzjoni ....... 11
4. Skop ....... 11
5. Speċifikazzjonijiet tar-rapportar ....... 13
   5.1. Aspetti Ġenerali ....... 13
   5.2. Il-mezzi ta' rapportar ....... 13
   5.3. Konvenzjoni għall-għoti tal-ismijiet lill-fajls ....... 14
   5.4. Validazzjonijiet tal-mudelli ....... 14
   5.5. Skedi ta' Rapportar, Frekwenzi u Skadenzi ....... 14
6. Rapportar ta' informazzjoni perjodika ....... 20
   6.1. Modulu: Governanza u Rapportar tan-Negozju ....... 20
   6.2. Modulu: Rapportar Finanzjarju ....... 23
   6.3. Modulu: Rapportar ta' Kontroll Intern ....... 24
   6.4. Modulu: Rapportar dwar is-Sigurtà tal-IT u tal-Informazzjoni ....... 26
   6.5. Modulu: Rapportar tad-*Data* ....... 27
   6.6. Modulu: Rapportar għall-Kalkolu tat-Tariffi Superviżorji ....... 28
7. Rapportar ta' Informazzjoni *Ad hoc* ....... 28
   7.1. Notifiki ta' Bidliet Materjali fil-Kundizzjonijiet tal-Bidu għar-reġistrazzjoni u ta' informazzjoni superviżorja rilevanti ....... 28
   7.2. Notifikazzjonijiet oħra ....... 31
   7.3. Pjan ta' stralċ – Dokumenti ewlenin li għandhom jiġu sottomessi lill-ESMA ....... 32

# 1. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet

**Referenzi leġiżlattivi**

| | |
|---|---|
| *CDR dwar it-Tariffi (EMIR)* | Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1003/2013 tat-12 ta' Lulju 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet |
| *CDR dwar it-Tariffi (SFTR)* | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/360 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet |
| *EMIR* | Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012, dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet Test b'rilevanza għaż-ŻEE |
| *Regolament dwar l-ESMA* | Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE[1] |
| *RTS dwar ir-Reġistrazzjoni (EMIR)* | Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 150/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet rigward standards tekniċi regolatorji li jispeċfikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet |
| *RTS dwar ir-Reġistrazzjoni (SFTR)* | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/359 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id- |

[1] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

| | |
|---|---|
| | dettalji tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u l-estensjoni tar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet |
| *RTS dwar l-aċċess għad-data (EMIR)* | Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 151/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-*data* li trid tiġi ppubblikata u li għandha tkun disponibbli minn repożitorji tat-tranżazzjonijiet u standards operazzjonali biex tiġi aggregata, imqabbla u aċċessata d-*data* |
| *RTS dwar l-aċċess għad-data (SFTR)* | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/357 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-aċċess għal dettalji tat-titoli |
| *RTS emendat dwar ir-Reġistrazzjoni (EMIR)* | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/362 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) Nru 150/2013 fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet |
| *SFTR* | Ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 |

**Taqsiriet**

| | |
|---|---|
| *BCP* | Pjan tal-Kontinwità tan-Negozju |
| *BoW* | Ktieb tax-Xogħol |
| *CCO* | Uffiċjal Kap tal-Konformità |
| *CCP* | Entità ta' Kontroparti Ċentrali |
| *CEO* | Uffiċjal Kap Eżekuttiv |
| *CISO* | Uffiċjal Kap tas-Sigurtà tal-Informazzjoni |
| *CM* | Monitoraġġ tal-Konformità |

| | |
|---|---|
| *COO* | Uffiċjal Kap Operattiv |
| *CP* | Dokument ta’ Konsultazzjoni |
| *CRA* | Aġenzija ta’ Klassifikazzjoni tal-Kreditu |
| *CRO* | Uffiċjal Kap tar-Riskji |
| *CTO* | Uffiċjal Kap tat-Teknoloġija |
| *ESMA* | Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| *UE* | Unjoni Ewropea |
| *FTE* | Impjegat Full-Time |
| *IA* | Awditjar Intern |
| *IS* | Sigurtà tal-Informazzjoni |
| *IT* | Teknoloġija tal-Informatika |
| *NCA* | Awtorità Nazzjonali Kompetenti |
| *RTS* | Standards Tekniċi Regolatorji |
| *SFTP* | Protokoll tat-Trasferiment tal-Fajls tal-SSH |
| *SLA* | Ftehim dwar il-Livell ta’ Servizz |
| *TR* | Repożitorju tat-Tranżazzjonijiet |
| *TRACE* | Sistema għal aċċess uniku għad-*data* TR |

**Kunċetti**

| | |
|---|---|
| *Entità assoċjata* | Entità li tikkontrolla direttament jew indirettament it-TR, jew li hija kkontrollata direttament jew indirettament mit-TR, jew li tkun taħt kontroll komuni flimkien mat-TR. |
| *Format li jinqara mill-magni* | a) ikun f’format elettroniku mfassal biex jinqara b’mod dirett u awtomatiku minn kompjuter. Il-format elettroniku għandu jiġi speċifikat permezz ta’ standards bla ħlas, mhux proprjetarji u miftuħa. Il-format elettroniku għandu jinkludi t-tip ta’ fajls jew messaġġi, ir-regoli biex jidentifikawhom, u l-isem u t-tip ta’ *data* tal-oqsma li fihom; |

| | |
|---|---|
| | b) ikun maħżun f'arkitettura tal-IT li tippermetti aċċess awtomatiku;<br>c) ikun robust biżżejjed biex tiġi żgurata l-kontinwità u r-regolarità fil-prestazzjoni tas-servizzi pprovduti u jiġi żgurat aċċess adegwat f'termini ta' veloċità;<br>d) ikun jista' jiġi aċċessat, jinqara, jintuża u jiġi kkupjat minn software tal-kompjuter li jkun mingħajr ħlas u disponibbli pubblikament. |
| *Informazzjoni ad hoc* | *Data* superviżorja pprovduta mit-TRs lill-ESMA wara bidla materjali fid-*data* diġà pprovduta lill-ESMA. |
| *Informazzjoni perjodika* | *Data* superviżorja pprovduta mit-TRs lill-ESMA bi frekwenza stabbilita minn qabel. |
| *Malajr kemm jista' jkun* | Id-*data* superviżorja għandha tiġi pprovduta mit-TR mingħajr ma jkun hemm dewmien żejjed |
| *Parteċipant tat-TR* | Entità li għandha arranġament kuntrattwali bl-għan li tirrapporta l-kuntratti tad-derivattivi skont l-Artikolu 9 tal-EMIR jew SFTs skont l-Arikolu 4 tal-SFTR b'mill-inqas TR wieħed reġistrat jew rikonoxxut. Il-parteċipant tat-TR jista' jkun entità li tissottometti r-rapport, entità responsabbli mir-rapportar, kontroparti li tirrapporta jew CCP, jew entità li jkollha aċċess ta' "ara biss" għal TR. |

# 2. Sommarju Eżekuttiv

### Raġunijiet għall-pubblikazzjoni

Dawn il-Linji Gwida jistabbilixxu l-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa mir-Repożitorji tat-Tranżazzjonijiet (TRs) biex tiġi ffaċilitata s-superviżjoni kontinwa tat-TRs mill-ESMA fuq bażi konsistenti. Għalhekk, l-għan ewlieni ta' dawn il-Linji Gwida huwa li jissimplifikaw l-aspett perjodiku ta' dan il-proċess ta' ġbir ta' informazzjoni, filwaqt li jiżguraw li jkun kompletament allinjat mas-superviżjoni tal-ESMA u mal-proċessi ta' valutazzjoni tar-riskju tagħha.

Il-Linji Gwida jiċċaraw il-format u l-frekwenza tal-kategoriji differenti ta' informazzjoni li l-ESMA tistenna li tirċievi fir-rwol tagħha bħala superviżur tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet irreġistrati f'konformità mal-EMIR u/jew l-SFTR u, għalhekk, li jiġu ċċarati l-obbligi rispettivi tat-TRs f'konformità mal-Artikolu 55(4) tal-EMIR u l-Artikolu 5(4) tal-SFTR.

L-ESMA tistenna li l-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida tirriżulta fil-benefiċċji li ġejjin:

a. it-tnaqqis tal-isforzi biex din l-informazzjoni tiġi mitluba b'mod sporadiku u jiġi żgurat li l-ebda informazzjoni ma titħalla barra;

b. it-tnaqqis tal-ħin tal-ipproċessar tal-informazzjoni riċevuta;

c. l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni f'termini ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mit-TRs kollha billi jiġu stabbiliti mudelli ta' rapportar armonizzati;

d. iż-żieda tal-prevedibbiltà tal-informazzjoni meħtieġa u s-simplifikazzjoni tal-proċessi fit-TRs;

e. iż-żieda tat-trasparenza tat-TRs taħt superviżjoni;

f. l-iżgurar ta' informazzjoni kompluta li hija meħtieġa għas-superviżjoni bbażata fuq ir-riskju tal-ESMA;

g. it-titjib tal-ippjanar intern tat-timijiet ta' superviżjoni tal-ESMA fir-rigward tar-rieżami tal-informazzjoni u l-iffaċilitar tal-ipproċessar;

h. l-istandardizzazzjoni tal-prattiki li diġà huma implimentati mit-TRs fuq bażi tal-aħjar sforzi;

i. il-kisba ta' ekonomiji ta' skala minħabba l-konsistenza mal-ispeċifikazzjonijiet rilevanti għas-CRAs issorveljati mill-ESMA (ara r-Rapport Finali dwar il-Linji Gwida dwar l-informazzjoni perjodika li għandha tiġi sottomessa lill-ESMA mill-Aġenzija tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu – it-tieni edizzjoni[2], ESMA33-9-295);

j. l-iżgurar tal-preċiżjoni tal-informazzjoni li tintuża għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji.

[2] Rapport Finali dwar il-Linji Gwida https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma_33-9-295_final_report_guidelines_on_the_submission_of_periodic_information_to_esma_by_credit_rating_agencies.pdf

## Werrej

It-Taqsima 3 tad-dokument tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-Linji Gwida, it-Taqsima 4 tipprovdi l-iskop li jiġu stabbiliti Linji Gwida dwar ir-rapportar ta' informazzjoni perjodika u bidliet materjali. It-Taqsima 5 tispjega fid-dettall l-ispeċifikazzjonijiet tar-rapportar fir-rigward tal-punti tar-rapportar, il-kanali ta' rapportar, il-mudelli, il-konvenzjonijiet tal-għoti tal-ismijiet lill-fajls, il-validazzjonijiet tal-mudell, l-iskedi ta' rapportar u l-iskedi ta' żmien rilevanti għar-rapportar. It-Taqsima 6 tinkludi spjegazzjonijiet dettaljati dwar kull punt ta' informazzjoni perjodika li qed tintalab. It-Taqsima 7 tinkludi spjegazzjonijiet dettaljati dwar kull punt ta' informazzjoni *ad hoc* li qed tintalab, kif ukoll il-mudell applikabbli għan-notifika ta' pjan ta' stralċ fil-każ ta' rtirar tar-reġistrazzjoni.

## Il-passi li jmiss

Il-Linji Gwida se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-ESMA. Dawn japplikaw mit-30 ta' Ġunju 2021.

# 3. Kamp ta’ applikazzjoni

**Min?**

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għar-Repożitorji tat-Tranżazzjonijiet (TRs) kif definiti fl-Artikolu 2(2) tal-EMIR u fl-Artikolu 3(1) tal-SFTR u rreġistrati skont it-Titoli VI u VII tal-EMIR u l-Kapitolu III tal-SFTR.

**Xiex?**

2. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-Artikolu 55(4) tal-EMIR u l-Artikolu 5(4) tal-SFTR. Dawn ma japplikawx għat-TRs ta’ pajjiżi terzi rikonoxxuti f’konformità mal-EMIR jew l-SFTR. Il-Linji Gwida jinkludu l-mudelli rilevanti kollha u l-kalendarji tar-rapportar. Barra minn hekk, u bil-ħsieb li jittejbu l-viżibbiltà u l-integrazzjoni tagħhom fil-proċessi interni tat-TR, l-ESMA se tippubblika wkoll il-kalendarju tar-rapportar u l-verżjonijiet excel tal-mudelli bħala punti indipendenti li jistgħu jitniżżlu mis-sit web tal-ESMA.

**Meta?**

3. Dawn il-linji gwida jibdew japplikaw mit-30 ta’ Ġunju 2021. Il-punti kollha ta’ informazzjoni perjodika li għandhom frekwenza annwali u skadenza ta’ rapportar sal-31 ta’ Jannar f’konformità ma’ dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu pprovduti għall-ewwel sena sat-30 ta’ Ġunju 2021.

# 4. Skop

4. L-ESMA ġiet fdata bir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tat-TRs skont it-Titoli VI u VII tal-EMIR u l-Kapitolu III tal-SFTR.
5. L-RTS dwar ir-Reġistrazzjoni (EMIR), l-RTS emendat dwar ir-Reġistrazzjoni (EMIR) u l-RTS dwar ir-Reġistrazzjoni (SFTR) jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-ESMA tal-konformità tagħhom mal-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni taħt l-EMIR u l-SFTR.
6. F’dan ir-rigward, l-Artikolu 55(4) tal-EMIR u l-Artikolu 5(4) tal-SFTR jeħtieġu li t-TRs irreġistrati “ jikkonforma[w] f’kull waqt mal-kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni”, u sabiex “mingħajr dewmien żejjed, jinnotifika[w] lill-ESMA bi kwalunkwe bidla materjali fir-rigward tal-kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni”.
7. L-iskop ta’ dawn il-Linji Gwida huwa, għalhekk, li jiċċaraw il-format u l-frekwenza tal-kategoriji differenti ta’ informazzjoni li l-ESMA tistenna li tirċievi fir-rwol tagħha bħala superviżur tat-TRs irreġistrati f'konformità mal-EMIR u/jew l-SFTR u, għalhekk, li jiċċaraw l-obbligi rispettivi tagħhom f'konformità mal-Artikolu 55(4) tal-EMIR u l-Artikolu 5(4) tal-SFTR.
8. B’riżultat ta’ dan, il-Linji Gwida għandhom l-għan li jiżguraw superviżjoni konsistenti, kontinwa, effiċjenti u attwali bbażata fuq ir-riskju tat-TRs mill-ESMA. B’mod aktar speċifiku, il-Linji Gwida proposti għandhom l-għan li jżidu l-konsistenza u l-użu tal-informazzjoni pprovduta mit-TRs. Dan isir billi jiġu pprovduti struzzjonijiet speċifiċi ta’ rapportar għal kull

aspett ta' rapportar kif ukoll mudelli standardizzati ta' rapportar fejn possibbli. Il-Linji Gwida proposti jiċċaraw ukoll ċerta informazzjoni biex ikomplu jappoġġaw il-proċessi superviżorji tal-ESMA b'mod effiċjenti u effettiv.

9. Sabiex tiġi żgurata traduzzjoni effiċjenti ta' kwalunkwe dokument sottomess mit-TRs b'lingwi oħra li mhumiex l-Ingliż, il-Linji Gwida proposti jiċċaraw li kwalunkwe dokument li jiġi pprovdut f'lingwa li mhijiex l-Ingliż għandu dejjem jiġi sottomess f'format li jinqara mill-magni, filwaqt li d-dokumenti bl-Ingliż għandhom jiġu sottomessi f'format li jinqara mill-magni fejn possibbli.

10. L-approċċ tal-ESMA għall-valutazzjonijiet tar-riskju tagħha tat-TRs huwa dinamiku filwaqt li jqis ir-riskji kemm fil-livell tal-entità kif ukoll f'dak tal-industrija. Il-bażi għal dawn il-valutazzjonijiet hija l-informazzjoni disponibbli għall-ESMA. Din l-informazzjoni tista' tiġi minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, jiġifieri, informazzjoni (perjodika) irrapportata mill-entitajiet taħt superviżjoni, informazzjoni kkomunikata lill-ESMA mill-NCAs, attivitajiet superviżorji jew talbiet għal informazzjoni (irregolat mill-Artikoli 61 u 62 tal-EMIR u applikabbli b'mod ugwali għat-TRs irreġistrati taħt l-SFTR bis-saħħa tal-Artikolu 9 tal-SFTR), informazzjoni minn parteċipanti fis-suq u minn regolaturi ta' pajjiżi terzi u informazzjoni miksuba permezz tal-intelliġenza tas-suq tal-ESMA stess.

11. Attwalment, it-TRs jipprovdu lill-ESMA b'ċerta informazzjoni fuq bażi perjodika u *ad hoc*, bħal sottomissjoni tal-minuti tal-Bord, ir-rapporti ta' Konformità jew l-istatistika relatata mal-Kwalità tad-*Data*. Madankollu, in-nuqqas ta' format u skadenzi uniformi għal tali sottomissjonijiet jaffettwa l-kompletezza u l-komparabbiltà tal-informazzjoni superviżorja.

12. Barra minn hekk, abbażi tal-proċessi superviżorji li għaddejjin, l-ESMA ġabret għarfien suffiċjenti dwar il-frekwenza li biha jeħtieġ li tirċievi l-informazzjoni rilevanti mit-TRs, kif ukoll kif l-informazzjoni pprovduta attwalment tista' tiġi standardizzata permezz tal-introduzzjoni ta' mudelli speċifiċi. Dan se jippermetti lill-ESMA tieħu approċċ aktar sistematiku għas-superviżjoni tagħha tat-TRs.

13. Dawn il-Linji Gwida jqisu u jibnu fuq l-informazzjoni meħtieġa skont l-RTSs dwar ir-Reġistrazzjoni. Barra minn hekk, l-ESMA tisfrutta l-esperjenza miġbura bis-superviżjoni tat-TRs taħt l-EMIR u tispeċifika wkoll il-format u l-frekwenza ta' informazzjoni perjodika u *ad hoc* li għandha tiġi pprovduta mit-TRs irreġistrati taħt l-SFTR.

14. Xi informazzjoni, speċifikament informazzjoni speċifika għall-kumpanija bħall-minuti tal-Bord, se tkun l-istess għall-EMIR u t-TRs irreġistrati fl-SFTR u għalhekk ma għandhiex tiġi dduplikata jekk TR jiġi rreġistrat taħt iż-żewġ reġimi u jekk l-informazzjoni tkun meħtieġa taħt iż-żewġ reġimi. Dawn il-Linji Gwida jindikaw b'mod ċar meta l-mudelli jkunu applikabbli wkoll għat-TRs irreġistrati taħt l-SFTR.

15. Dawn il-Linji Gwida jistabbilixxu l-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa perjodikament mit-TRs lill-ESMA, biex tiġi ffaċilitata s-superviżjoni kontinwa tat-TRs fuq bażi konsistenti. Għalhekk, l-għan ewlieni ta' dawn il-Linji Gwida huwa li jissimplifikaw l-aspett perjodiku ta' dan il-proċess ta' ġenerazzjoni u ġbir ta' informazzjoni, filwaqt li jiżguraw li jkun allinjat bis-sħiħ mas-superviżjoni tal-ESMA u mal-proċessi ta' valutazzjoni tar-riskju tagħha.

16. Għan sekondarju tal-Linji Gwida huwa li tiżdied it-trasparenza u li jiġi ddefinit qafas armonizzat għall-interazzjonijiet superviżorji tal-ESMA mat-TRs. F'dan ir-rigward huwa mistenni li billi jiżdiedu l-kwalità u l-użu tal-informazzjoni li tiġi sottomessa mit-TRs lill-ESMA

fuq bażi perjodika, il-Linji Gwida proposti se jnaqqsu l-ħtieġa li l-ESMA titlob informazzjoni mit-TRs fuq bażi bilaterali permezz ta' talbiet għal informazzjoni.

17. Il-Linji Gwida proposti jiġbru l-ispeċifikazzjonijiet tar-rapportar f'żewġ kategoriji ġenerali: "Perjodiku" u "*Ad Hoc*". Fi ħdan dawn iż-żewġ kategoriji, il-puntii ta' rapportar individwali mbagħad jinġabru skont moduli differenti. Dan jiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet simili jiġu indirizzati flimkien, u b'hekk tkun tista' tinkiseb trasparenza akbar fir-rigward tal-informazzjoni mitluba mill-ESMA.

18. L-ESMA tissuġġerixxi użu akbar ta' mudelli komuni ta' rapportar għal informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva speċifika li għandha tinġabar f'format standardizzat, inkluża l-lista tal-parteċipanti tat-TR, id-dħul u l-kostijiet, l-inċidenti tal-IT, l-għadd ta' persunal FTE, ir-rapporti relatati mal-prestazzjoni tal-ipproċessar tad-*data*, il-kwalità tad-*data* eċċ. Dan jippermetti lill-persunal tal-ESMA u lill-għodod superviżorji tal-ESMA jipproċessaw b'mod effiċjenti l-informazzjoni li jeħtieġ li tirċievi.

19. Madankollu, il-Linji Gwida jippermettu wkoll li l-mudelli jkunu soġġetti għal bidliet u modifiki. Se jinżamm mudell ta' fajl fuq is-sit web tal-ESMA. It-TRs għandhom jiġu nnotifikati kull meta jkun hemm bidliet fil-mudell u t-TRs għandhom dejjem jużaw l-aħħar verżjoni disponibbli meta jissottomettu l-informazzjoni lill-ESMA. Sottomissjonijiet li jużaw mudelli qodma se jiġu rrifjutati.

20. Il-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq se jiżguraw ukoll li l-konformità mal-Linji Gwida ssir aktar proporzjonata.

# 5. Speċifikazzjonijiet tar-rapportar

## 5.1. Aspetti Ġenerali

Guideline 1. Għal kull punt ta' rapportar, it-TRs għandhom isegwu l-ispeċifikazzjonijiet ta' rapportar relatati mal-kontenut, il-format, l-iskadenzi għas-sottomissjoni u, jekk applikabbli, il-mudelli. It-TRs għandhom jagħmlu dan għal kull Regolament li jkunu rreġistrati taħtu.

Guideline 2. It-TRs għandhom jissottomettu d-dokumenti bl-Ingliż f'format li jinqara mill-magni, fejn possibbli. Meta d-dokumenti jiġu sottomessi b'lingwa oħra li mhijiex l-Ingliż, it-TRs għandhom jissottomettu dawn id-dokumenti kollha f'format li jinqara mill-magni li jista' jkun kapaċi jiġi tradott awtomatikament mill-għodod superviżorji tal-ESMA. Sabiex tali proċess tat-traduzzjoni jkun permess, it-TRs għandhom jissottomettu tali dokumenti f'format .pdf, jew jekk le, f'format miftuħ li jista' jinqara mill-magni.

## 5.2. Il-mezzi ta' rapportar

Guideline 3. It-TRs għandhom jissottomettu lill-ESMA l-informazzjoni mitluba f'dawn il-Linji Gwida permezz ta' kanali ta' rapportar ikkomunikati mill-ESMA minn qabel.

## 5.3. Konvenzjoni għall-għoti tal-ismijiet lill-fajls

Guideline 4. It-TRs għandhom jirrapportaw l-informazzjoni taħt kull punt ta' rapportar skont il-konvenzjoni għall-għoti tal-ismijiet li ġejja TRAAA_REGU_TY_ST_PD_ITEMXX_YYYYMMDD.zip. Kull meta jintuża mudell ta' rapportar, dan għandu juża l-fajl csv għal mudelli relatati mad-*data* u xls għal mudelli oħrajn. Fi ħdan fajl ta' arkivju uniku, fejn ikun meħtieġ mudell ta' rapportar, it-TR għandu jsegwi l-istess konvenzjoni ta' għoti tal-ismijiet bħal dik ta' hawn fuq u juża l-fajl csv għal punti tad-*data* u xls għal punti mhux tad-*data*. Fajls oħra differenti mill-mudelli inklużi fil-fajls tal-arkivji jistgħu jiġu pprovduti bl-isem/it-tip tal-fajl oriġinali.

## 5.4. Validazzjonijiet tal-mudelli

Guideline 5. It-TRs għandhom jimlew il-mudelli skont il-validazzjonijiet tal-mudell applikabbli u ma għandhomx ibiddlu jew jimmodifikaw il-format tal-mudell, inkluż billi jżidu jew ineħħu kwalunkwe qasam. It-TRs għandhom dejjem jużaw l-aħħar verżjoni disponibbli, peress li l-verżjonijiet preċedenti tal-mudelli se jiġu rrifjutati mill-ESMA u t-TRs għandhom jissottomettu mill-ġdid l-informazzjoni rilevanti f'konformità mal-aħħar verżjoni disponibbli.

## 5.5. Skedi ta' Rapportar, Frekwenzi u Skadenzi

It-TRs għandhom jissottomettu l-informazzjoni perjodika f'konformità mal-frekwenza tar-rapportar u l-iskadenza għal kull Regolament li għalih ikunu rreġistrati, kif spjegat fit-

Guideline 6. Tabella 1: KALENDARJU TAR-RAPPORTAR PERJODIKU. L-informazzjoni inkluża għandha tkopri l-perjodu ta' rapportar rilevanti kif iddeterminat mill-frekwenza tal-informazzjoni sottomessa.

Guideline 7. It-TRs għandhom jirrapportaw fuq bażi ta' "malajr kemm jista' jkun" kwalunkwe bidla materjali fil-kundizzjonijiet inizjali tar-reġistrazzjoni kif ukoll għadd ta' avvenimenti speċifikati oħra li l-ESMA tqis rilevanti għar-responsabbiltajiet superviżorji tagħha inklużi fit-Tabella 2: RAPPORTAR *AD HOC***Error! Reference source not found.**.

Meta TR jiġi rreġistrat kemm taħt l-EMIR kif ukoll taħt l-SFTR, it-TR għandu jsegwi l-indikazzjoni fit-

Guideline 8. Tabella 1: KALENDARJU TAR-RAPPORTAR PERJODIKU u fit-Tabella 2: RAPPORTAR *AD HOC* biex jiġi ddeterminat jekk il-punt ta' rapportar applikabbli għandux jiġi pprovdut separatament jew b'mod konġunt. Meta jiġi ddikjarat li l-punt japplika separatament kemm għall-EMIR kif ukoll għall-SFTR, dan ifisser li t-TR għandu jindika b'mod ċar fil-mudell għal liema wieħed miż-żewġ regolamenti qed jirrapporta l-informazzjoni mitluba. Meta l-punt japplika kemm għad-*data* tal-EMIR kif ukoll għad-*data* tal-SFTR b'mod konġunt, dan ifisser li d-*data* hija mistennija li tkun identika skont iż-żewġ Regolamenti u għalhekk ir-TR għandu jissottomettiha darba biss fir-rigward taż-żewġ Regolamenti.

### TABELLA 1: KALENDARJU TAR-RAPPORTAR PERJODIKU

| Punt | Punt tar-Rapportar | Applikabbli għal | Frekwenza tar-Rapportar | Skadenza tar-Rapportar | Mudell Disponibbli |
|---|---|---|---|---|---|
| **Rapportar perjodiku għat-TRs** | | | | | |
| | **Governanza u Negozju** | | | | |
| 1 | Dokumenti tal-bord | EMIR u SFTR b'mod konġunt | Semi-Annwali | 31 ta' Jannar, 31 ta' Lulju, | Le |
| 2 | Skeda tal-laqgħat, il-postijiet u l-aġendi tal-Bord | EMIR u SFTR b'mod konġunt | Annwali | 31 ta' Jannar | Le |
| 3 | Struttura ta' sjieda jew attestazzjoni | EMIR u SFTR b'mod konġunt | Annwali | 31 ta' Jannar | Le |
| 4 | Organigrammi | EMIR u SFTR b'mod konġunt | Annwali | 31 ta' Jannar | Le |
| 5 | Persunal u impjegati full-time (FTEs) | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Jannar | Mudell għall-punt 5 |
| 6 | Inventarju tas-servizzi anċillari mwettqa mit-TR jew mill-grupp | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Jannar | Mudell għall-punt 6 |
| 7 | Inventarju ta' servizzi oħra mwettqa mit-TR | EMIR u SFTR b'mod konġunt | Annwali | 31 ta' Jannar | Mudell għall-punt 7 |
| 8 | L-użu kummerċjali tad-*data* tat-TR | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Jannar | Mudell għall-punt 8 |
| 9 | Inventarju tal-ftehimiet ta' esternalizzazzjoni u lista ta' servizzi esternalizzati | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Jannar | Mudell għall-punt 9 |
| 10 | Politiki u proċeduri interni | EMIR u SFTR b'mod konġunt | Annwali | 31 ta' Jannar | Mudell għall-punt 10 |
| 11 | Lista ta' kuntatti ewlenin tat-TR | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Jannar | Mudell għall-punt 11 |
| | **Rapportar Finanzjarju** | | | | |
| 12 | Id-dħul mis-servizzi tat-TR u rendikont tal-ispejjeż | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Lulju | Mudell għall-punt 12 |
| 13 | Kontijiet finanzjarji interim | EMIR u SFTR b'mod konġunt | Semi-Annwali | 31 ta' Jannar u 31 ta' Lulju | Le |
| 14 | Rapporti finanzjarji awditjati | EMIR u SFTR b'mod konġunt | Annwali | 30 ta' Ġunju | Le |
| 15 | Riżorsi finanzjarji | EMIR u SFTR b'mod konġunt | Annwali | 31 ta' Lulju | Mudell għall-punt 15 |
| 16 | Valutazzjonijiet tal-politika tal-ipprezzar | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Lulju | Le |
| | **Kontroll Intern** | | | | |
| 17 | Programm ta' ħidma tal-konformità | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Jannar | Le |
| 18 | Rapporti ta' valutazzjoni tal-konformità | EMIR u SFTR separatament | Semi-Annwali | 31 ta' Jannar u 31 ta' Lulju | Le |
| 19 | Pjan tal-awditjar intern | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Jannar | Le |
| 20 | Rapporti ta' awditjar intern | EMIR u SFTR separatament | Semi-Annwali | 31 ta' Jannar u 31 ta' Lulju | Le |
| 21 | Rapporti dwar ir-riskju | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Jannar | Le |
| 22 | Tabella operattiva tar-riskji | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Jannar | Le |

| Rapportar perjodiku għat-TRs | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Punt** | **Punt tar-Rapportar** | **Applikabbli għal** | **Frekwenza tar-Rapportar** | **Skadenza tar-Rapportar** | **Mudell Disponibbli** |
| 23 | Ħarsa ġenerali lejn is-CM u l-IA | EMIR u SFTR separatament | Semi-Annwali | 31 ta' Jannar u 31 ta' Lulju | Mudell għall-punt 23 |
| 24 | Lista ta' każijiet potenzjali u attwali ta' nuqqas ta' konformità | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Jannar | Mudell għall-punt 24 |
| | **Rapportar dwar is-Sigurtà tal-IT u tal-Informazzjoni** | | | | |
| 25 | Strateġija tal-IT | EMIR u SFTR b'mod konġunt | Annwali | 31 ta' Jannar | Le |
| 26 | Ktieb tax-xogħol | EMIR u SFTR separatament | Trimestrali | 31 ta' Jannar, 30 ta' April, 31 ta' Lulju, 31 ta' Ottubru | Mudell għall-punt 26 |
| 27 | Sommarju jew attestazzjoni tat-teknoloġija | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Jannar | Mudell għall-punt 27 |
| 28 | Rapporti tat-test tal-BCP | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Jannar | Le |
| 29 | Attestazzjoni għall-ittestjar tas-sigurtà tal-informazzjoni | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Jannar | Le |
| 30 | Metriċi taċ-ċibersigurtà | EMIR u SFTR separatament | Semi-Annwali | 31 ta' Jannar u 31 ta' Lulju | Mudell għall-punt 30 |
| | **Rapportar tad-*Data*** | | | | |
| 31 | Ħarsa ġenerali lejn il-parteċipanti tat-TR | EMIR u SFTR separatament | Semi-Annwali | 31 ta' Jannar u 31 ta' Lulju | Mudell għall-punt 31 |
| 32 | Status ta' aċċess regolatorju | EMIR u SFTR separatament | Trimestrali | 31 ta' Jannar, 30 ta' April, 31 ta' Lulju, 31 ta' Ottubru | Mudell għall-punt 32 |
| 33 | Volum tad-*data* | EMIR u SFTR separatament | Trimestrali | 31 ta' Jannar, 30 ta' April, 31 ta' Lulju, 31 ta' Ottubru | Mudell għall-punt 33 |
| 34 | Ħarsa ġenerali lejn l-istatus tat-talbiet għall-portabilità | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 31 ta' Jannar | Mudell għall-punt 34 |
| 35 | Il-prestazzjoni tar-rapportar tad-*data* u l-metrika tal-kapaċità | EMIR u SFTR separatament | Kull xahar | Sal-15 tax-xahar ta' wara | Formoli għall-punt 35 |
| 36 | Statistika ta' rikonċiljazzjoni | EMIR u SFTR separatament | Kull xahar | Sal-15 tax-xahar ta' wara | Mudell għall-punt 36 |
| | **Rapportar għall-Kalkolu tat-Tariffi Superviżorji** | | | | |
| 37 | Informazzjoni għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji | EMIR u SFTR separatament | Annwali | 30 ta' Ġunju | Mudell għall-punt 37 |

Tabella 2: RAPPORTAR *AD HOC*

| Rekwiżiti ta' Rapportar *Ad Hoc* Applikabbli għat-TRs | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Punt** | **Punt tar-Rapportar** | **Rapportar *ad hoc* applikabbli għal** | **Skeda ta' Żmien tar-Rapportar** | **Mudell Disponibbli** |
| | | | | |
| | **Notifika ta' Bidliet Materjali għall-Kundizzjonijiet tar-Reġistrazzjoni** | | | |
| 38 | Dettalji tal-membru tal-Bord | EMIR u SFTR b'mod konġunt | L-ewwel lista li għandha tiġi pprovduta malli jibdew japplikaw il-Linji Gwida. 'Il quddiem għandha tiġi pprovduta notifika ġdida malli jkun hemm bidliet għall-informazzjoni pprovduta inizjalment. | Mudell għall-punt 38 |
| 39 | Persunal Prinċipali | EMIR u SFTR separatament | L-ewwel lista li għandha tiġi pprovduta malli jibdew japplikaw il-Linji Gwida. 'Il quddiem għandha tiġi pprovduta notifika ġdida malli jkun hemm bidliet għall-informazzjoni pprovduta inizjalment. | Mudell għall-punt 39 |
| 40 | Bidla fl-istruttura tas-sjieda | EMIR u SFTR b'mod konġunt | L-ewwel lista tal-persuni jew tal-entitajiet li direttament jew indirettament għandhom 5 % jew aktar għandha tiġi pprovduta f'mudell hekk kif jibdew japplikaw il-Linji Gwida. 'Il quddiem għandha tiġi pprovduta notifika ġdida malli jkun hemm bidliet għall-informazzjoni pprovduta inizjalment. | Mudell għall-punt 40 |
| 41 | Tnedija ta' servizzi ġodda (inklużi servizzi anċillari jew kwalunkwe servizz ieħor) | EMIR u SFTR separatament | Malajr kemm jista' jkun | Mudell għall-punt 41 |
| 42 | Bidla fl-istruttura tat-tariffi/ fil-Politika tal-ipprezzar | EMIR u SFTR separatament | Malajr kemm jista' jkun | Le |
| 43 | L-istabbiliment ta' sussidjarji u fergħat, ir-riorganizzazzjoni jew ir-ristrutturar tal-attivitajiet tat-TR jew il-bidla fl-isem, fl-indirizz, fid-dokumentazzjoni statutorja jew fl-istatus legali | EMIR u SFTR b'mod konġunt | Malajr kemm jista' jkun | Le |
| 44 | Litigazzjoni/proċedimenti ġodda li jistgħu potenzjalment ikollhom impatt materjali fuq it-TR | EMIR u SFTR b'mod konġunt | Malajr kemm jista' jkun | Le |
| 45 | Kopji tal-mudelli tar-regolatur | EMIR u SFTR separatament | Hekk kif ikun hemm bidla. | Le |
| 46 | Kopji tal-mudelli tal-kuntratti tal-parteċipanti tat-TR | EMIR u SFTR separatament | Hekk kif ikun hemm bidla. | Le |
| 47 | Każijiet potenzjali u attwali ta' nuqqas ta' konformità mar-Regolament(i) li taħtu/taħthom huwa rreġistrat it-TR, inkluż ksur materjali tal-politiki u tal-proċeduri tat-TR, attività frodulenti/irregolari identifikata | EMIR u SFTR separatament | Hekk kif jiġu identifikati | Mudell għall-punt 47 |
| 48 | Bidliet fil-Karta tal-Awditjar Intern u fil-Metodoloġija | EMIR u SFTR separatament | Malajr kemm jista' jkun | Le |

| Rekwiżiti ta' Rapportar *Ad Hoc* Applikabbli għat-TRs | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Punt** | **Punt tar-Rapportar** | **Rapportar *ad hoc* applikabbli għal** | **Skeda ta' Żmien tar-Rapportar** | **Mudell Disponibbli** |
| | | | | |
| 49 | Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-IA | EMIR u SFTR b'mod konġunt | Hekk kif jinkisbu | Le |
| 50 | Bidliet materjali fil-Pjan tal-Kontinwità tan-Negozju u fi kwalunkwe waħda mill-karatteristiċi tiegħu | EMIR u SFTR separatament | Malajr kemm jista' jkun | Le |
| 51 | Bidliet Materjali jew titjib tas-sistemi u l-infrastruttura tat-TR | EMIR u SFTR separatament | Hekk kif ikun hemm bidla materjali. | Mudell għall-punt 51 |
| 52 | Notifika dwar l-Esternalizzazzjoni tal-Cloud Computing | EMIR u SFTR separatament | Għandha tiġi pprovduta notifika mill-aktar fis possibbli dwar l-esternalizzazzjoni ppjanata ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti lill-fornituri ta' servizzi tal-cloud jew bidliet fl-arranġamenti eżistenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud. | Mudell għall-punt 52 |
| 53 | Bidliet fil-ftehimiet ta' esternalizzazzjoni | EMIR u SFTR separatament | Malajr kemm jista' jkun | Le |
| 54 | Kwalunkwe bidla materjali oħra fil-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni | EMIR u SFTR separatament | Malajr kemm jista' jkun | Le |
| | **Oħrajn** | | | |
| 55 | Inċidenti tas-sigurtà tal-IT u tal-informazzjoni | EMIR u SFTR separatament | Notifika ta' inċident sa mhux aktar tard minn tmiem il-jum ta' negozju li fih jiġi identifikat l-inċident, bl-informazzjoni disponibbli dak il-ħin. Notifika ta' inċident sussegwenti b'informazzjoni sħiħa u b'analiżi tal-kawża ewlenija wara 30 jum kalendarju | Mudell għall-punt 55 |
| 56 | Notifika ta' talba għall-portabbiltà | EMIR u SFTR separatament | Malajr kemm jista' jkun | Mudell għall-punt 56 |
| | **Pjan ta' stralċ** | | | |
| 57 | Waqfien tan-negozju | EMIR u SFTR separatament | Malajr kemm jista' jkun | Mudell għall-punt 57 |

# 6. Rapportar ta' informazzjoni perjodika

## 6.1. Modulu: Governanza u Rapportar tan-Negozju

**Punt 1 – Dokumenti tal-Bord**

Guideline 9. It-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA l-pakketti ta' dokumenti tal-Bord li ġejjin relatati mal-laqgħat tal-Bord li jkunu saru fil-perjodu: (i) minuti tal-laqgħat tal-Bord, (ii) kopji tad-dokumenti mibgħuta lill-membri tal-Bord fir-rigward tal-laqgħat rispettivi tal-Bord, (iii) kwalunkwe dokument addizzjonali diskuss fil-laqgħa. Jekk il-minuti jkunu disponibbli biss f'abbozz ta' verżjoni li jrid jiġi approvat mill-Bord li ġej, l-abbozz tal-verżjoni għandu jiġi pprovdut lill-ESMA. F'każ li TR ikun stabbilixxa l-

kumitati tal-Bord, it-TR għandhom jibagħtu wkoll il-minuti u l-materjali tal-laqgħat ta' dawn il-kumitati.

**Punt 2 – Skeda tal-laqgħat, il-postijiet u l-aġendi tal-Bord**

Guideline 10.It-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA l-lista ta' laqgħat skedati, il-postijiet u l-aġenda tal-Bord, meta disponibbli, tas-sena attwali. F'każ li sseħħ bidla li sseħħ wara li tkun saret notifika lill-ESMA, it-TRs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA u jibagħtu l-informazzjoni aġġornata hekk kif tiġi kkonfermata l-bidla.

**Punt 3 – L-istruttura tas-sjieda**

Guideline 11.It-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA ċ-ċart l-aktar reċenti tas-sjieda li turi r-rabtiet tas-sjieda bejn l-impriża omm, is-sussidjarji u kwalunkwe entità jew fergħa assoċjata oħra, identifikata mill-isem sħiħ, l-istatus legali u l-indirizz legali tagħhom. L-informazzjoni għandha tinkludi l-bidliet kollha nnotifikati lill-ESMA matul is-sena preċedenti wara l-bidla materjali fil-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni. Meta ma tkun seħħet l-ebda bidla mill-aħħar sottomissjoni annwali, it-TR għandu jissottometti attestazzjoni li n-notifika pprovduta preċedentement għadha preċiża.

**Punt 4 – Organigrammi**

Guideline 12.It-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA l-organigrammi interni tagħhom. Iċ-ċarts għandhom jinkludu l-funzjonijiet ta' ġestjoni, kontroll, negozju u appoġġ b'linji ta' rapportar ċari, postijiet ġeografiċi u numru/ġabra ta' riżorsi assenjati jew disponibbli għal kull funzjoni. L-informazzjoni għandha tinkludi l-bidliet materjali kollha nnotifikati lill-ESMA matul is-sena preċedenti.

**Punt 5 – Persunal u FTEs**

Guideline 13.It-TRs għandhom jipprovdu lill-ESMA bl-għadd eżatt ta' impjegati direttament impjegati jew iddedikati fil-livell tal-entità u indikazzjoni ta' impjegati aċċessibbli fil-livell ta' grupp, eż. grupp ta' riżorsi, b'rendikont ta' Impjegati Full-Time (FTEs) fl-oqsma tal-Konformità, l-IT, l-IS, il-ġestjoni tar-riskju u l-IA f'konformità mal-mudell deżinjat.

**Punt 6 – Inventarju tas-servizzi anċillari mwettqa mit-TR jew mill-Grupp**

Guideline 14. It-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA lista ta' servizzi anċillari offruti mit-TR jew mill-kumpanija fl-istess Grupp, skont id-definizzjoni ta' servizzi anċillari inklużi fl-artikolu 17 tal-RTS dwar ir-Reġistrazzjoni (EMIR) u l-Artikolu 17 tar-Reġistrazzjoni tal-RTS (SFTR). Il-lista għandha tindika kemm il-parteċipanti tat-TR jużaw dawn is-servizzi f'konformità mal-mudell deżinjat. Il-lista għandha tinkludi deskrizzjoni tas-servizzi anċillari mwettqa mit-TR, jew mill-impriża fi ħdan il-grupp tiegħu, u deskrizzjoni ta' kwalunkwe ftehim li t-TR jista' jkollu ma' kumpaniji li joffru tali servizzi anċillari. Għandhom jiġu sottomessi kopji ta' tali ftehimiet flimkien mal-mudell.

**Punt 7 - Inventarju ta' servizzi oħra mwettqa mit-TR**

Guideline 15. It-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA lista ta' kwalunkwe servizz li t-TR, bħala entità ġuridika, qed tipprovdi flimkien mas-servizzi ewlenin u anċillari pprovduti skont ir-Regolament li taħtu huwa rreġistrat it-TR, li jindika kemm parteċipanti tat-TR jużaw dawn is-servizzi, f'konformità mal-mudell deżinjat.

**Punt 8 – Użu kummerċjali tad-*data* tat-TR**

Guideline 16. It-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA lista tal-każijiet kollha fl-aħħar sena ta' użu kummerċjali tad-*data* rrapportata lit-TRs taħt l-EMIR jew l-SFTR, fejn ikun seħħ tali użu, f'konformità mal-mudell deżinjat.

**Punt 9 – Inventarju tal-ftehimiet ta' esternalizzazzjoni u lista ta' servizzi esternalizzati**

Guideline 17. It-TRs għandhom jipprovdu lill-ESMA b'inventarju ta' ftehimiet ta' esternalizzazzjoni, inklużi l-SLAs f'konformità mal-mudell deżinjat. L-inventarju għandu jkun fih kemm servizzi esternalizzati mit-TR kif ukoll servizzi esternalizzati lit-TR. L-informazzjoni għandha tinkludi definizzjonijiet dettaljati tas-servizzi li għandhom jiġu pprovduti, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk is-servizzi li jista' jitkejjel, il-granularità tal-attivitajiet kif ukoll il-kundizzjonijiet li bihom jingħataw dawk l-attivitajiet, u l-iskedi ta' żmien tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 16(d) tal-RTS dwar ir-Reġistrazzjoni (EMIR) u mal-Artikolu 16(d) tal-RTS dwar ir-Reġistrazzjoni (SFTR). L-inventarju għandu jinkludi informazzjoni min-notifiki rilevanti kollha sottomessi matul l-aħħar sena.

**Punt 10 – Politiki u proċeduri interni**

Guideline 18.It-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA ħarsa ġenerali tal-politiki u l-proċeduri interni attivi kollha f'konformità mal-mudell deżinjat. Dawk il-politiki jinkludu, iżda mhumiex limitati għal: politiki relatati ma' kunflitti ta' interess, protezzjoni tal-kunfidenzjalità tad-*data*, aċċess għad-*data* minn fornituri terzi, proċess ta' filtrazzjoni tal-aċċess, dispożizzjonijiet kuntrattwali applikabbli bejn it-TR u l-entitajiet ta' rapportar, kanali ta' rapportar u żamma tar-rekords, ir-remunerazzjoni/il-kumpens. F'każ ta' bidliet fil-politiki u l-proċeduri eżistenti, it-TR huwa meħtieġ li jindika tali bidla, jispjega r-raġunament u jehmeż il-verżjoni riveduta tad-dokument inklużi l-emendi f'bidliet traċċati.

**Punt 11 – Lista ta' kuntatti ewlenin tat-TR**

Guideline 19.It-TRs għandhom jaġġornaw il-lista ta' kuntatti li għandha tintuża mill-ESMA għall-komunikazzjoni mal-entità dwar ċerti aspetti. Il-lista għandha tiġi organizzata skont l-oqsma ta' responsabbiltà (eż. il-kuntatti f'Konformità, Ġestjoni, TRACE, Finanzi, eċċ.).

## 6.2. Modulu: Rapportar Finanzjarju

**Punt 12 – Id-dħul mis-servizzi tat-TR u r-rendikont tal-ispejjeż**

Guideline 20.It-TRs għandhom jirrapportaw lill-ESMA r-rendikont tad-dħul għas-servizzi u l-kostijiet tat-TR, iddeterminati skont l-istess prinċipji kontabilistiċi użati fit-tħejjija tar-rapporti finanzjarji awditjati tat-TR u kwalunkwe mod ieħor ta' kontabbiltà interna (eż. kontabbiltà maniġerjali), jekk applikabbli.

**Punt 13 – Kontijiet finanzjarji interim**

Guideline 21.It-TRs għandhom jirrapportaw lill-ESMA l-kontijiet finanzjarji interim tagħhom imħejjija skont l-istess prinċipji kontabilistiċi użati fit-tħejjija tar-rapporti finanzjarji awditjati tat-TR.

**Punt 14 – Rapporti finanzjarji awditjati**

Guideline 22.It-TRs għandhom jirrapportaw lill-ESMA r-rapporti finanzjarji awditjati tagħhom. Jekk is-sena finanzjarja ma tikkorrispondix għas-sena kalendarja, it-TRs għandhom jissottomettu t-tqassim tad-dħul u l-ispejjeż iċċertifikati minn awditur indipendenti sal-iskadenza.

**Punt 15 – Riżorsi finanzjarji**

Guideline 23.It-TRs għandhom jinformaw lill-ESMA dwar ir-riżorsi finanzjarji tagħhom disponibbli biex ikopru mill-inqas 6 xhur ta' kostijiet operazzjonali, skont l-Artikolu 21(b) tal-RTS Emendat dwar ir-Reġistrazzjoni (EMIR) u/jew l-Artikolu 21(b) tal-RTS dwar ir-Reġistrazzjoni (SFTR), f'konformità mal-mudell deżinjat.

**Punt 16 – Valutazzjonijiet tal-politika tal-ipprezzar**

Guideline 24.It-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA l-kopji tal-valutazzjonijiet imwettqa matul l-aħħar sena fir-rigward ta' tariffi, kostijiet u l-istrateġija tal-ipprezzar.

## 6.3. Modulu: Rapportar ta' Kontroll Intern

**Punt 17 – Pjan ta' ħidma ta' konformità**

Guideline 25.It-TRs għandhom jissottomettu kopja tal-Programm ta' Ħidma ta' Konformità tagħhom lill-ESMA. F'każ li mas-sottomissjoni, il-prijoritajiet ta' konformità jinbidlu, għandu jiġi ppreżentat programm ta' ħidma aġġornat mill-aktar fis possibbli.

**Punt 18 – Rapporti ta' valutazzjoni tal-konformità**

Guideline 26.It-TRs għandhom jissottomettu kopji ta' kwalunkwe rapport ta' konformità, inkluż kwalunkwe rapport ta' valutazzjoni tal-konformità u tal-ittestjar li huma relatati man-negozju, is-sistemi, il-proċessi u l-operazzjonijiet tat-TR li jitwettqu mill-Funzjoni ta' Konformità (inkluż fil-livell tal-Grupp) lill-ESMA.

**Punt 19 – Pjan tal-awditjar intern**

Guideline 27.Irrispettivament minn jekk TR ikunx stabbilixxa funzjoni ta' Awditjar Intern jew ikkummissjona awditi interni minn parti esterna, it-TR għandu jissottometti kopja tal-pjan ta' ħidma ta' Awditjar Intern annwali tiegħu.

**Punt 20 – Rapporti tal-awditjar intern**

Guideline 28.Irrispettivament minn jekk TR ikunx stabbilixxa funzjoni ta' Awditjar Intern jew ikkummissjonax awditi interni minn parti esterna, l-ESMA tistenna li tirċievi kopja tar-rapporti tal-Awditjar Intern li jkunu ġew prodotti u li jkunu relatati man-negozju, mas-sistemi, mal-proċessi u mal-operazzjonijiet tat-TR.

**Punt 21 – Rapport tar-Riskji**

Guideline 29.It-TRs għandhom jissottomettu kopji ta' kwalunkwe valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Funzjoni tal-Ġestjoni tar-Riskju matul il-perjodu ta' rapportar u li tkun relatata man-negozju, mas-sistemi, mal-proċessi u mal-operazzjonijiet tat-TR. Ir-rapport dwar ir-riskju għandu jinkludi, jew jagħmel referenza għall-qafas tar-riskju u l-metodoloġija rilevanti applikati għat-twettiq tal-valutazzjoni.

**Punt 22 – Tabella operattiva tar-riskji**

Guideline 30.It-TRs għandhom jissottomettu t-tabella operattiva tal-ġestjoni tar-riskji tagħhom, li għandha tinkludi l-akbar riskji kif identifikati fil-kuntest tal-proċess tal-ġestjoni tar-riskji tat-TRs. Dan il-punt jikkomplementa lil dak preċedenti billi jipprovdi perspettiva aktar dettaljata dwar ir-riskji identifikati dwar xi aspetti kritiċi tal-funzjonament tat-TR. Jekk it-TRs ikollhom tabelli operattivi separati għar-riskji għas-sigurtà tal-IT u tal-informazzjoni, it-TRs għandhom jissottomettu dawk ukoll.

**Punt 23 – Ħarsa ġenerali lejn is-CM u l-IA**

Guideline 31.It-TRs għandhom jissottomettu ħarsa ġenerali lejn is-sejbiet u l-azzjonijiet ta' segwitu kollha li jirriżultaw mill-valutazzjonijiet imwettqa bħala parti mill-Monitoraġġ tal-konformità u mill-awditjar intern f'konformità mal-mudell deżinjat.

**Punt 24 – Lista ta' każijiet potenzjali u attwali ta' nuqqas ta' konformità**

Guideline 32.It-TRs għandhom jippreżentaw lista annwali ta' każijiet potenzjali u attwali ta' nuqqas ta' konformità f'konformità mal-mudell deżinjat. Dan il-punt tar-rapportar huwa relatat ma' każijiet potenzjali u attwali ta' nuqqas ta' konformità li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EMIR jew tal-SFTR iżda li ma għandhomx jiġu rapportati lill-ESMA bħala inċident tas-sigurtà tal-IT jew tal-informazzjoni skont dawn il-Linji Gwida. Il-każijiet li għandhom jiġu rapportati huma ksur tal-proċeduri interni tat-TR imfassla biex jikkonformaw mar-Regolamenti rispettivi, l-ilmenti interni riċevuti mill-funzjoni tal-Konformità, il-kunflitti ta' interess potenzjali identifikati, l-attività frawdolenti/irregolari identifikata jew sitwazzjonijiet oħra li jistgħu jirriżultaw f'nuqqas ta' konformità mal-EMIR/SFTR. It-TRs huma mistennija jimlew mudell b'lista ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità potenzjali u attwali inklużi:

a) Il-każijiet miftuħa kollha identifikati matul il-perjodu;
b) Il-każijiet miftuħa kollha li ġew identifikati f'perjodu aktar bikri u li ma ngħalqux matul il-perjodu;
c) Il-każijiet kollha li ngħalqu matul il-perjodu.

## 6.4. Modulu: Rapportar dwar is-Sigurtà tal-IT u tal-Informazzjoni

**Punt 25 – Strateġija tal-IT**

Guideline 33. It-TRs għandhom jissottomettu lill-ESMA l-istrateġija tal-IT applikabbli tagħhom relatata speċifikament mad-deċiżjonijiet ewlenin rigward is-sistemi tal-IT tat-TR bħall-użu tal-esternalizzazzjoni, l-użu tal-cloud computing, eċċ.

**Punt 26 – Ktieb tax-xogħol (BoW)**

Guideline 34. It-TRs għandhom jippreżentaw informazzjoni dwar il-proġetti tal-IT tagħhom u l-progress tagħhom billi jimlew il-mudell deżinjat. F'kull sottomissjoni ta' Ktieb tax-xogħol (BoW), it-TRs għandhom jirrapportaw il-proġetti/is-soluzzjonijiet li jkunu ngħalqu mis-sottomissjoni tal-BoW preċedenti. Il-mudell għandu jkun fih informazzjoni dwar proġetti miftuħa u ppjanati, proġetti li jkunu ngħalqu mir-rapport tal-BoW preċedenti, is-soluzzjonijiet miftuħa u ppjanati u s-soluzzjonijiet li jkunu ġew implimentati u magħluqa mir-rapport tal-BoW preċedenti.

**Punt 27 – Sommarju tat-Teknoloġija**

Guideline 35. It-TRs għandhom jippreżentaw sommarju tat-teknoloġija lill-ESMA f'konformità mal-mudell deżinjat. Is-sommarju tat-teknoloġija għandu jinkludi lista ta' applikazzjonijiet użati mit-TR, sistemi operattivi, bażijiet tad-*data*, eċċ., kif ukoll deskrizzjoni ta' kif it-TRs jippjanaw il-proċessi ewlenin tagħhom. Meta ma tkun seħħet l-ebda bidla mill-aħħar sottomissjoni annwali, it-TR għandu jissottometti attestazzjoni li n-notifika pprovduta preċedentement għadha preċiża.

**Punt 28 – Rapporti tat-test tal-BCP**

Guideline 36. It-TRs għandhom jissottomettu lill-ESMA kwalunkwe test tal-BCP imwettaq fis-sena preċedenti, flimkien mar-riżultati u l-azzjonijiet ta' segwitu tiegħu. It-test tal-BCP għandu jindika mill-inqas id-data li fiha jkun twettaq, il-kamp ta' applikazzjoni u l-approċċ / il-metodoloġija/ ix-xenarju tal-ittestjar.

**Punti 29 u 30 – Ir-rapporti tal-ittestjar tas-sigurtà tal-informazzjoni u l-metrika taċ-Ċibersigurtà**

Guideline 37.It-TRs għandhom jissottomettu lill-ESMA attestazzjoni li huma jkunu wettqu diversi rapporti tal-ittestjar dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, flimkien mal-mudell deżinjat.

## 6.5. Modulu: Rapportar tad-*Data*

**Punt 31 – Ħarsa ġenerali lejn il-parteċipanti tat-TR**

Guideline 38.It-TRs għandhom jissottomettu l-istatistika u l-profil tal-parteċipanti tat-TR, f'konformità mal-mudell deżinjat. L-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa permezz tal-mudell tinkludi, fost l-oħrajn: ir-Regolament li taħtu jirrapportaw, it-tip ta' parteċipant (eż. finanzjarju/mhux finanzjarju u informazzjoni dwar is-settur tal-attività), il-pajjiż, jekk humiex entitajiet ta' rapportar diretti jew indiretti, u s-sehem tagħhom, eċċ.

**Punt 32 – Status ta' aċċess regolatorju**

Guideline 39.It-TRs għandhom jippreżentaw il-lista ta' awtoritajiet regolatorji li jkunu talbu u dawk li jkunu stabbilixxew aċċess għat-TR, inkluż permezz ta' TRACE, f'konformità mal-mudell deżinjat.

**Punt 33 – Volum tad-*data***

Guideline 40.It-TRs għandhom jirrapportaw, fost l-oħrajn, l-istatistika dwar (i) l-għadd totali ta' negozji u rapporti riċevuti mill-bidu tar-rapportar għal kull Regolament u (ii) l-għadd ta' derivattivi u SFTs għal kull ġurisdizzjoni, entitajiet li jipparteċipaw fil-Kategorija tar-rapportar u tal-Kwalità tad-*Data* (għall-EMIR), f'konformità mal-mudell deżinjat.

**Punt 34 – Ħarsa ġenerali lejn l-istatus tat-talbiet għall-portabilità**

Guideline 41.It-TRs għandhom jipprovdu lill-ESMA bil-lista ta' parteċipanti tat-TR li talbu l-portabilità fil-perjodu tal-aħħar 12-il xahar, inkluża kwalunkwe talba miftuħa li jifdal minn perjodi preċedenti, u jipprovdu d-dettalji kollha f'konformità mal-mudell deżinjat.

**Punt 35 – Il-prestazzjoni tar-rapportar tad-*data* u l-metrika tal-kapaċità**

Guideline 42. It-TRs għandhom jipprovdu lill-ESMA bl-istatistika dwar l-inġestjoni tad-*data*, il-ġenerazzjoni tar-rapporti (jiġifieri mill-klijent, bejn it-TR u regolatorja) il-kapaċità tas-sistema (jiġifieri l-ħżin u l-komputazzjoni ) f'konformità mal-mudelli deżinjati.

**Punt 36 – Statistika ta' rikonċiljazzjoni**

Guideline 43. It-TRs għandhom jipprovdu lill-ESMA bl-istatistika dwar ir-rikonċiljazzjoni tad-derivattivi u tal-SFTs f'konformità mal-mudelli deżinjati.

## 6.6. Modulu: Rapportar għall-Kalkolu tat-Tariffi Superviżorji

**Punt 37 – Informazzjoni għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji**

Guideline 44. It-TRs għandhom jirrapportaw lill-ESMA l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi ddeterminat il-fatturat applikabbli, skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1003/2013 u/jew ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/360 f'konformità mal-mudell deżinjat. Tali informazzjoni trid tiġi ċċertifikata minn awditur indipendenti.

# 7. Rapportar ta' Informazzjoni *Ad hoc*

## 7.1. Notifiki ta' Bidliet Materjali fil-Kundizzjonijiet tal-Bidu għar-reġistrazzjoni u ta' informazzjoni superviżorja rilevanti

**Punt 38 – Dettalji tal-membri tal-Bord**

Guideline 45. It-TRs għandhom jipprovdu lista inizjali sħiħa tal-membri tal-Bord (inklużi l-Bord ta' Tmexxija, il-Bord Superviżorju, il-Kumitati tal-Bord) u l-profili tagħhom. Hekk kif ikun hemm bidliet, għandha tiġi ppreżentata notifika ġdida f'mudell flimkien mad-dokumenti ta' sostenn rilevanti kif dettaljati skont l-Artikolu 9 tal-RTS Emendat dwar ir-Reġistrazzjoni (EMIR) u/jew l-Artikolu 9 tal-RTS dwar ir-Reġistrazzjoni (SFTR) li għandhom jiġu mehmuża.

**Punt 39 – Persunal ewlieni**

Guideline 46. It-TRs għandhom jipprovdu lista sħiħa inizjali tal-persunal ewlieni tat-TR (CEO, CCO, CTO, COO, CRO, CISO u kwalunkwe persunal ewlieni ieħor) u l-profili tagħhom. Hekk kif ikun hemm il-bidliet, għandha tiġi sottomessa notifika ġdida permezz ta' mudell. Għall-maniġment superjuri, għandhom jiġu mehmuża d-dokumenti skont l-Artikolu 9 tal-RTS emendat dwar ir-Reġistrazzjoni (EMIR) u/jew l-Artikolu 9 tal-RTS dwar ir-Reġistrazzjoni (SFTR).

**Punt 40 – Bidla fl-istruttura tas-sjieda**

Guideline 47. It-TRs għandhom jibagħtu notifika li tiddeskrivi l-bidla fis-sjieda li għandha tinkludi l-akkwiżizzjoni jew id-disponiment ta' parteċipazzjonijiet ta' aktar minn 5 % tal-kapital azzjonarju maħruġ jew tad-drittijiet tal-vot tar-TR. F'konformità mal-mudell tar-rapportar, it-TRs għandhom jinkludu lista aġġornata ta' kull persuna jew entità li direttament jew indirettament ikollha 5 % jew aktar tal-kapital tat-TR jew tad-drittijiet tal-vot tiegħu jew li s-sjieda tiegħu tagħmilha possibbli li tiġi eżerċitata influwenza sinifikanti fuq il-maniġment tat-TR.

**Punt 41 – It-Tnedija ta' servizzi ġodda (inklużi servizzi anċillari jew kwalunkwe servizz ieħor)**

Guideline 48. It-TRs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA minn qabel meta jieħdu deċiżjonijiet biex iniedu servizzi ġodda u jipprovdu spjegazzjonijiet dwar is-separazzjoni operazzjonali, l-ipprezzar, il-kunflitti ta' interess potenzjali, l-impatt fuq ir-riżorsi, eċċ., skont il-mudell.

**Punt 42 – Bidla fl-istruttura tat-tariffi/fil-politika tal-ipprezzar**

Guideline 49. It-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA d-dokumentazzjoni rilevanti kollha dwar l-istruttura l-ġdida tat-tariffi/il-politika tal-ipprezzar, inklużi skontijiet u ribassi u kundizzjonijiet eżistenti jew proposti biex jibbenefikaw minn tali tnaqqis.

**Punt 43 – L-istabbiliment ta' sussidjarji u fergħat, ir-riorganizzazzjoni jew ir-ristrutturar tal-attivitajiet tat-TR jew il-bidla fl-isem, fl-indirizz, fid-dokumentazzjoni statutorja jew fl-istatus legali**

Guideline 50. Fir-rigward tal-istabbiliment ta' sussidjarji u fergħat, ir-riorganizzazzjoni jew ir-ristrutturar tal-attivitajiet tat-TR jew il-bidla fl-isem, fl-indirizz, fid-dokumentazzjoni statutorja jew fl-istatus legali, it-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA deskrizzjoni tal-bidliet, tal-istruttura l-ġdida, tal-indirizz u tal-informazzjoni ta' sostenn rilevanti kollha.

**Punt 44 - Litigazzjoni/proċedimenti ġodda li jistgħu potenzjalment ikollhom impatt materjali fuq it-TR**

Guideline 51. It-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA deskrizzjoni tal-proċedimenti l-ġodda ta' litigazzjoni (ġudizzjarji, amministrattivi, arbitraġġ jew kwalunkwe tip ieħor ta' proċedimenti ta' litigazzjoni) li jista' jkollhom impatt materjali fuq it-TR, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' taxxa u insolvenza, u valutazzjoni tal-konsegwenzi u l-impatt potenzjali fuq it-TR.

**Punt 45 – Kopji tal-formoli tal-kuntratt tar-regolatur**

Guideline 52. It-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA kopji tat-tipi kollha ta' mudelli tal-kuntratt/tat-termini ta' użu għall-għoti ta' aċċess regolatorju għad-*data* rrapportata f'konformità mar-Regolament li taħtu huwa rreġistrat it-TR.

**Punt 46 – Kopji tal-mudelli tal-kuntratt tal-parteċipanti tat-TR**

Guideline 53. It-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA kopji tat-tipi kollha ta' mudelli tal-kuntratti għall-għoti ta' servizzi ta' rapportar f'konformità mar-Regolament li taħtu huwa rreġistrat it-TR.

**Punt 47 - Każijiet potenzjali u attwali ta' nuqqas ta' konformità mar-Regolament(i) li taħtu/taħthom huwa rreġistrat it-TR, inkluż ksur materjali tal-politiki u l-proċeduri tat-TR, attività frawdolenti/irregolari identifikata**

Guideline 54. It-TRs għandhom jipprovdu lill-ESMA informazzjoni dwar każijiet potenzjali u attwali li jistgħu jirriżultaw jew li rriżultaw f'nuqqas ta' konformità mar-Regolament(i) li taħtu/taħthom huwa rreġistrat it-TR hekk kif jiġi identifikat tali nuqqas ta' konformità. L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta f'mudell deżinjat u għandha tikkonċerna każ ta' nuqqas ta' konformità li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EMIR jew tal-SFTR iżda li ma għandux jiġi rrapportat lill-ESMA bħala inċident tas-sigurtà tal-IT jew tal-IT skont dawn il-Linji Gwida (eż. ksur tal-proċeduri interni tat-TR imfassla biex jikkonformaw mar-Regolamenti rispettivi, ilmenti interni riċevuti mill-funzjoni ta' Konformità, kunflitti ta' interess potenzjali identifikati, attività frawdolenti/irregolari identifikata jew sitwazzjonijiet oħra li jistgħu jirriżultaw f'nuqqas ta' konformità mal-EMIR jew mal-SFTR). Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fl-istess ħin man-notifiki perjodiċi dwar in-nuqqas ta' konformità.

**Punt 48 – Karta u metodoloġija tal-IA**

Guideline 55. It-TRs għandhom jissottomettu l-Karta tal-Awditjar Intern tagħhom u l-metodoloġija tal-Awditjar Intern, kif ukoll kwalunkwe bidla fiha.

**Punt 49 – Assigurazzjoni tal-kwalità tal-IA**

Guideline 56. F'każ li TR jikseb valutazzjoni indipendenti tal-ħidma tal-funzjoni tal-Awditjar Intern matul il-perjodu, dan għandu jibgħat kopja tar-rapport ta' valutazzjoni.

**Punt 50 – Bidliet materjali għall-Pjan tal-Kontinwità tan-Negozju u għal kwalunkwe karatteristika tiegħu**

Guideline 57. It-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA deskrizzjoni tal-bidla, ir-raġunijiet għall-bidla tal-BCP, u l-konsegwenzi tagħha, skont il-mudell.

**Punt 51 – Sommarju tat-Teknoloġija – Bidliet materjali tas-sistemi u l-infrastruttura tat-TR**

Guideline 58.It-TRs għandhom jużaw il-mudell biex jindikaw il-bidliet fl-infrastruttura tal-applikazzjoni u tas-sistema lill-ESMA.

**Punt 52 – Notifika tal-esternalizzazzjoni tal-cloud computing**

Guideline 59. It-TRs għandhom jirrapportaw lill-ESMA fil-ħin, kwalunkwe esternalizzazzjoni ppjanata tal-proċess u tad-*data* tat-TR lill-Fornituri tas-Servizzi tal-Cloud li jikkonċernaw funzjoni kritika jew importanti, f'konformità mal-mudell deżinjat. It-TR għandu jinnotifika wkoll fil-ħin u bl-użu tal-istess mudell, dawk l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud li jikkonċernaw funzjoni li qabel kienet ikklassifikata bħala mhux kritika jew mhux importanti u mbagħad saret kritika jew importanti jew bidliet oħra fl-arranġamenti attwali tal-esternalizzazzjoni tal-cloud tiegħu. Din in-notifika tissodisfa r-rekwiżit ta' notifika tat-TRs skont il-linji gwida tal-ESMA dwar il-Cloud Computing[3],

**Punt 53 – Bidla fl-arranġamenti tal-esternalizzazzjoni**

Guideline 60.Hekk kif ikun hemm bidliet materjali fl-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni, it-TRs għandhom jipprovdu lill-ESMA b'notifika ta' tali bidliet materjali, inklużi l-FLS, f'konformità mal-mudell deżinjat. Għandhom jiġu nnotifikati kemm is-servizzi esternalizzati mit-TR kif ukoll is-servizzi esternalizzati lit-TR. L-informazzjoni għandha tinkludi definizzjonijiet dettaljati tas-servizzi li jridu jiġu pprovduti, inklużi l-kamp ta' applikazzjoni li jista' jitkejjel ta' dawk is-servizzi, il-granularità tal-attivitajiet, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom jingħataw dawk l-attivitajiet u l-iskedi ta' żmien tagħhom. It-TRs għandhom jinkludu kwalunkwe kopja rilevanti tad-dokumentazzjoni tal-esternalizzazzjoni.

**Punt 54 – Kwalunkwe bidla materjali oħra fil-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni**

Guideline 61.It-TRs għandhom jipprovdu lill-ESMA b'deskrizzjoni tal-bidla.

## 7.2. Notifikazzjonijiet oħra

**Punt 55 – Inċidenti tal-IT u tas-sigurtà tal-informazzjoni**

Guideline 62.It-TRs għandhom jibagħtu lill-ESMA notifika inizjali ta' inċident fi żmien 24 siegħa minn meta ssir taf bl-inċident u notifika ta' segwitu fi żmien xahar. It-TRs għandhom jibagħtu dawn in-notifiki f'mudell deżinjat.

[3] Il-Linji Gwida tal-ESMA dwar l-esternalizzazzjoni lil fornituri ta' servizzi tal-cloud ippubblikati f'Diċembru 2020.

**Punt 56 – Notifika ta' talba għall-portabilità**

Guideline 63.It-TRs għandhom jinnotifikaw lill-ESMA malli jirċievu talba għall-portabilità minn parteċipant tat-TR, f'konformità mal-mudell deżinjat.

## 7.3. Pjan ta' stralċ – Dokumenti ewlenin li għandhom jiġu sottomessi lill-ESMA

**Punt 57 – Waqfien tan-negozju**

Guideline 64.It-TRs għandhom jipprovdu lill-ESMA bi pjan ta' stralċ, f'konformità mal-Artikolu 79(3) tal-EMIR u mal-Artikolu 5(2) tal-SFTR fil-kuntest ta' rtirar tar-reġistrazzjoni previst skont l-Artikolu 71(1) tal-EMIR jew l-Artikolu 73(d) tal-EMIR u skont l-Artikolu 9(1) jew l-Artikolu 10(1) tal-SFTR bl-użu tal-mudell deżinjat u f'konformità mal-iskeda ta' żmien rilevanti indikata fil-mudell.